Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 38/2017

**Tamang Roshan, Pandey Ranjan u Thapa Ashu** **(appellati)**

**Vs**

**Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni** **(appellant)**

26 ta' Jannar, 2018.

1. B'decizjoni tal-Bord tal-Appell tal-Immigrazzjoni tas-7 ta' Awissu, 2017 iddecieda:

   *"After having seen the acts of this case, documents produced, verbal submissions made by both parties, the Board considers that due to the fact that Domain Academy has reinstated the appellants under certain conditions and after having been informed by the prosecution that appellants have been abiding by conditions as laid down, most importantly that of attendance, the Board deems that granting of leave to remain in Malta during the study period exists and thus orders removal order and return decision no longer valid and it should be lifted".*

2. L-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni appella mid-decizjoni, bl-aggravju jkun:

   *"Illi l-ordni ta' tnehhija u d-decizjoni ta' ritorn inhargu peress li l-appellati kissru l-kundizzjonijiet li gew impost fl-entry visa taghhom. Illi skont ir-Regolamenti dwar l-Immigrazzjoni, senjatament ir-Regolament 17 tal-istess, persuna originarja minn pajjiz terz ghandha bzonn entry visa sabiex tidhol Malta. Illi fil-kaz tal-appellati, l-entry visa taghhom kienet marbuta mal-istudju li kienu ser jimbarkaw fuqu ma' Domain Academy. Illi ghalhekk il-visa li nharget lilhom ma kinitx tippermettilhom li jaqbdu u jitilqu minn Malta meta jridu u dan abbazi ta' one way ticket kif ghamlu l-appellati.*

   *Illi l-appellati kienu obbligati li jattendu l-lezzjonijiet organizzati minn Domain Academy b'mod regolari – haga li ma ghamlux. Illi b'dan l-agir taghhom, l-appellati kisru l-kundizzjonijiet tal-visa taghhom li kienet timponi li jattendu ghal-lezzjonijiet kollha. Illi l-istess appellati ma wrewx quddiem il-Bord li qabel ma hargu minn Malta huma kisbu xi permess sabiex jaghmlu dan. Illi ghal kuntrarju dak li rrizulta huwa li huma telqu minn Malta b'one way ticket ghal Franza. Illi dan l-agir juri bic-car li l-intenzjoni tal-appellati ma kienx li*

*jirritornaw lura gewwa Malta bil-konsegwenza li fallew milli jattendu ghal-lezzjonijiet u li b'hekk kissru l-kundizzjonijiet tal-visa mahruga lilhom.*

*Illi fil-fehma tal-esponenti l-Bord kellu janalizza jekk f'dan il-kuntest il-kundizzjonijiet imposti fl-entry visa ma gewx osservati mill-appellati o meno fil-punt tal-hrug taghhom u dan sabiex il-Bord ikun jista' jasal ghall-konkluzjoni jekk l-hrug tal-ordni ta' tnehhija u d-decizjoni ta' ritorn kinux gustifikati…*

*Illi jidher bic-car li l-Bord ma kkunsidrax r-rekwiziti legali impost mill-visa liema rekwiziti gew miskura mill-appellati bil-konsegwenza li l-prezenza taghhom f'Malta kienet wahda rregolari. Minflok, il-Bord strah fuq avvenimenti li graw wara u cioe' wara l-hrug tal-ordni ta' tnehhija u d-decizjoni ta' ritorn. Aghar minn hekk, il-Bord strah fuq il-fatt li Domain Academy regghet accettat lill-appellati sabiex ikomplu l-istudji taghhom maghha".*

3. L-appellati ma pprezentawx twegiba.

4. Il-qorti semghet it-trattazzjoni u qrat l-atti.

5. Il-fatti tal-kaz huma:

   i. L-appellati huma cittadini tan-Nepal. Huma gew Malta fit-23 ta' Marzu, 2017, sabiex jistudjaw mad-*Domain Academy*, istituzzjoni edukattiva fil-Mosta.
   ii. Fis-27 ta' Marzu, 2017 bdew jattendu ghal-lezzjonijiet u fis-6 ta' April, 2017, siefru lejn Franza. Ma kellhomx biljett ta' ritorn.
   iii. Kif waslu Franza, twaqqfu minn ufficjali tal-immigrazzjoni Franciza u ntbaghtu lura lejn Malta.
   iv. Fid-9 ta' April, 2017, l-Ispettur Darren Buhagiar mit-Taqsima tal-Immigrazzjoni baghat *email* lil Domain Academy fejn talab konferma jekk l-appellati kienux ghadhom registrati maghha bhala student. Dakinhar stess Nick Callus minn Domain Academy wiegeb li l-appellati kienu tkeccew mill-kors talli m'attendewx ghal xi lezzjonijiet u qatt ma talbu permess biex isiefru.
   v. Fid-9 ta' April 2017 l-appellant hareg decizjoni ta' ritorn fil-konfront tal-appellanti minhabba li, *"(f) the circumstances which determined the granting of leave to land or to land and remain in Malta or the extension of such leave or the granting of a residence permit ceased to exist".*
   vi. Wara apologija, li saret ukoll permezz ta' ittri li baghatu l-genituri tal-appellati datati 13 ta' April, 2017, l-appellati gew accettati lura fil-kors u regghu bdew jattendu ghal lezzjonijiet.

vii. L-appellanti appellaw quddiem il-Bord tal-Appelli tal-Immigrazzjoni skont l-Artikolu 25A tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217).

6. Appell quddiem din il-qorti fic-cirkostanzi li jissemmew fl-artikolu 25A(8) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217):

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali* ***hlief ghar-rigward ta' punti ta' dritt decizi mill-Bord rigward decizjonijiet li jkunu jolqtu persuni bhal dawk imsemmija fit-Taqsima III****, li minnhom jista' jkun hemm appell fi zmien ghaxart ijiem quddiem il-Qorti tal-Appell (Gurisdizzjoni Inferjuri)…."*

Fir-rikors tal-appell ntqal li din il-qorti ghandha l-gurisdizzjoni biex tisma' u tiddeciedi dan l-appell peress li r-regolamenti applikabbli hargu skont il-poteri li nghataw permezz tal-artikolu 4A tal-Att dwar l-Immigrazzjoni u li jaqa' fit-Taqsima III tal-Att dwar l-Immigrazzjoni. F'dan il-kuntest ghamel riferenza ghar-Regolament dwar l-Immigrazzjoni (Legislazzjoi Sussidjarja 217.04) li jirregolaw l-hrug ta' visas li cittadini li gejjin minn pajjiz terz.

Il-qorti ghandha d-dubju mit-tezi tal-appellant meta tikkunsidra li m'hemmx prova li l-appellanti huma xi persuna li jissemmew fl-artikolu 4A(a) sa (c) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni. Taqsima li tipprovdi ghall-persuni li jkollhom il-jedd ghall-moviment jew transitu hieles minn pajjiz ghall-iehor. Dan gie kkonfermat mid-decizjoni tar-ritorn tal-appellant li hi bazata fuq l-artikolu 5 tal-Kap. 217 u li tapplika fost ohrajn **meta persuna ma jkollhiex dritt ta' moviment *"taht it-Taqsimiet precedenti"*.** L-artikolu 4A tal-Kap. 217 jinsab fit-Taqsima III li hi precedenti ghat-Taqsima IV, li hi t-Taqsima fejn hemm l-artikolu 5.

7. Skont l-artikolu 5(2) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217) persuna ssir immigrant projbit:

*"(f) jekk* ***xi ċirkostanza li wasslet għall-għoti ta' permess*** *biex tinżel l-art jew* ***biex tinżel l-art u tibqa' f'Malta*** *jew għall-estensjoni ta' dak il-permess jew għall-għoti ta' permess għal residenza,* ***ma tibqax teżisti****"*

8. Il-qorti tosserva li l-appellat ma pprezentax il-kondizzjonijiet li setghu kienu japplikaw mal-visa li nghatat lill-appellati biex jidhlu u jistudjaw f'Malta. Il-qorti tippretendi li kondizzjonijiet relatati ma' visa ghandhom ikunu stampati u l-persuna tinghata kopja tal-istess. M'hemmx dubju li l-appellati huma *'third country nationals'*. Li hu zgur hu li l-appellati nghataw il-*visa* sabiex jidhlu Malta u jistudjaw. Hu minnu li waqt l-istudju l-appellati siefru lejn Franza minghajr ma xtraw biljett ta' ritorn. Pero' jidher li minnufih l-awtoritajiet Fracizi baghtuhom lura lejn Malta proprju ghaliex ma kellhomx biljett ta' ritorn. Hu fatt li kif l-ufficjali ta' *Domain Academy* saru jafu li l-appellati kienu

siefru minghajr ma talbuhom permess, keccewhom mill-kors li kienu qeghdin isegwu. Pero' hu minnu wkoll li granet wara l-appellati regghu gew ammessi lura fil-kors wara li talbu apologija. Il-qorti hi tal-fehma li l-Bord tal-Appelli kien korrett meta ha in konsiderazzjoni dan l-izvilupp, li wara kollox kien juri li c-cirkostanza li kienet waslet biex l-appellati jinghataw permess biex jinzlu u joqghodu Malta kienet ghadha tezisti, u ghalhekk l-appellati ma kinux immigranti projbiti. Materja li tirrigwarda apprezzament ta' provi li hi mhollija fid-diskrezzjoni tal-Bord tal-Appelli u li **dwarha m'hemmx jedd ta' appell**. Fil-fatt minn qari tad-decizjoni hu evidenti li l-Bord ma ddecieda l-ebda punt ta' dritt, izda bbaza ruhu fuq il-provi li tressqu quddiemu u kkonkluda li gialadarba kien irrizulta li l-appellati ghadhom isegwu l-istudji taghhom ma' *Domain Academy*, id-decizjoni ta' ritorn u l-ordni ta' tnehhija ma kinux iktar validi.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.